MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 602/2006

**The General Soft Drinks Co Ltd**

**Vs**

**Raymond Coleiro**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi li gie prezentat fil-21 ta` Lulju, 2006, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici, s-somma ta` Lm167.17, rapprezentanti prezz ta` merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilu skond ma` kif jirrizulta minn rendikont anness u mmarkat Dok. A.

Bl-imghaxijiet dekorribbli mill-24 ta` Dicembru, 2003, sa d-data ta` l-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut datata 12 ta` Ottubru, 2006, fejn ikkontesta t-talba attrici fis-sens illi fl-

ewwel lok, il-konvenut ma kellux relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici u fit-tieni lok illi l-konsenja fil-fatt saret lil terzi persuni u ghalhekk ebda ammont ma` kien dovut mill-konvenut lis-socjeta` attrici.

B`rizerva ghal eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina l-provi prodotti u d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidra.

Illi wara li ngabu diversi provi mis-socjeta` attrici tramite x-xhud Aldo Saliba u d-dokumenti minnu ezebiti, kif ukoll ix-xhieda ta` Brian Mizzi u Joseph Xuereb u Raymond Coleiro.

Il-konvenut tramite il-konsulent legali tieghu b`nota pprezentata llum stess, 10 ta` Jannar, 2008. Bis-sahha ta` liema nota huwa ammetta t-talba attrici, in vista illi fil-mori tal-kawza kien inholoq ftehim dwar il-modalita` ta` pagamenti mas-socjeta` attrici nkluz dwar l-imghaxijiet u spejjez tal-kawza.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess u fuq ammissjoni tal-konvenut stess, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici, kwindi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` €389.40 (Euros) gia` Lm167.17, bl-imghaxijiet dekorribbli kontra l-konvenut mill-24 ta` Dicembru, 2003 u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------